# Nicolò Isouard



*kitba ta' **Francis GALEA** Dip. in Journalism*



*Nicolò Isouard*

**Mhux** la kemm tfittex u tikteb dwar xi ħadd li miet 185 sena ilu. Minkejja li jkun bniedem magħruf, u forsi wkoll inkiteb xi ftit dwaru jew ħalla warajh għadd ta' tifkiriet, ġieli l-isforzi jkunu aktar iebsa. Dan jiġri kawża tal-fatt li mal-milja tas-snin jidħlu ħafna ideat u sa ftit snin ilu bosta minn dawk li kienu jiktbu, flok ifittxu baqgħu marbuta mal-kitbiet uħud żbaljati ta' dawk li kitbu qabilhom.

Jidher li ħafna mir-rakkonti u xogħlijiet mitbugħa dwar Nicolò Isouard għaddew minn din l-isfortuna u b'hekk kelli nqalleb ferm aktar milli ħsibt sabiex nikteb u norqom din il-binja qasira ta' ħajtu. Biex donnu l-istorja titħawwad sew insibu li kien hemm dubji kbar jekk Isouard kienx Malti, kif nibet dak il-kunjom f'pajjiżna u fuq kollox tqanqlu kurżitajiet kbar dwar id-data tat-twelid tiegħu.

Fortunato Isouard-Xuereb iżżewweġ lil Maria Helena Lombard Rigord fil-knisja ta' Porto Salvo, il-belt Valletta nhar l-24 ta' Ottubru 1770. Minn dan iż-żwieġ, din il-koppja kellhom għaxar ulied li t-tieni wieħed fosthom kien Nicolò Isouard. Minn bosta tiftix li għamel Ivo Muscat-Azzopardi jidher li missier Nicolò, Fortunato ma kellux ħutu għajr lil Giobatta li kien qassis. Mill-banda l-oħra nsibu tagħrif li r-razza Isouard kien ilha tgħammar fuq dawn il-gzejjer għal xi erba' ġenerazzjonijiet qabel ma twieled Nicolò.[1]

Jidher li dan kollu seħħ fuq medda ta' xi mitejn sena fejn insibu lil ċertu Galandri Xuereb, ta' nisel Malti li kunjomu bil-Franċiż beda jinqara *Ichoarep* li aktar tard sar Isouard. Jista' jkun li dan kien meqjus bħala laqam, għaliex miegħu baqa' jinkiteb il-kunjom Xuereb. Hawn wieħed ma jridx jinsa li bosta kunjomijiet ħadu bixra differenti fil-kitba kemm għaliex sforz in-nuqqas ta' edukazzjoni kienu jinkitbu kif jinstemgħu jew jinħassu, kif ukoll kawża ta' atti li saru f'pajjiżi barranin inkella minn uffiċjali ta' nazzjonalità differenti. Kienet drawwa wkoll li l-ulied mhux dejjem kienu jissejħu u allura jagħmlu użu mill-ewwel isem tagħhom, iżda aktarx mit-tielet, ir-raba' jew anke l-ħames isem li jagħtuhom dakinhar tal-magħmudija.

Minn stħarriġ u tiftix fil-fond li daħal biex jagħmel Muscat-Azzopardi fuq medda twila ta' snin kemm fil-parroċċi Maltin kif ukoll ma' persuni mħallta fir-razza ta' Isouard. Iżda x-xorti daħkitlu meta kiseb it-tagħrif mill-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta, fejn sab il-fidi tat-twelid bid-data tat-30 ta' Mejju 1775 ta' Franciscus, Xaverius, Michael, Ferdinandus, Philippus, Nicholaus, Guillelmus, iben Fortunato Lombardo u Maria. B'hekk deher li meta ġie reġistrat it-twelid ta' Nicholaus, jiġifieri Nicolò sar żball billi tniżżel kunjom ommu xebba flok il-kunjom ta' missieru.[2]

Meta tfarfar, Nicolò ntbagħat jistudja Pariġi fil-Kulleġġ Militari ta' l-Ordni ta' Ġerusalemm. Hemm għex f'pensjon ta' Monsieur Berthand fid-distrett ta' Honorè. Huwa ġie mgħallem il-matematika, il-Latin u l-Franċiż flimkien mad-Disinn bil-għan li jitħarreġ u jinġibed lejn karriera militari. Iżda l-ġibda lejn il-mużika li feġġet fih minn żmien bikri ħafna ħajritu jibda jitgħallem il-pjanu u l-mużika taħt is-surmast Pin. Isouard ma kienx l-uniku Malti li xeħet riġlejh biex jikseb l-edukazzjoni fi skejjel Franċiżi. Fost personalitajiet magħrufa li għamlu dan il-pass insibu wkoll lil Dun Mikiel Xerri u lill-arkitett tar-Rotunda, George Grognet de Vassè.

Billi fl-1790 faqqgħet ir-Rivoluzzjoni Franċiża li ġabet magħha taqlib kbir, iż-żagħżugħ Isouard kellu dlonk jerġa' lura lejn Malta. Nhar il-21 ta' Settembru 1792, Franza rebħet fuq il-Monarkija u saret Repubblika biex imbagħad stqarret li kienet se tgħin lill-pajjiżi Ewropej jaraw l-istess dawl.[3] Fuq din il-gżira, Nicolò sab li l-mużika li tgħallem u l-ħila li jdoqq il-pjanu tawh stima u popolarità tant li bosta bdew ifittxuh biex

idoqqilhom fi djarhom. B'hekk ħass li kellu jissokta jistudja l-mużika bħala arti. Il-wens li sab f'din il-ħila ressquh lejn is-surmast Dun Mikelanġ Vella li miegħu tgħallem l-Armonju u l-Kontrapont filwaqt li aktar tard bil-għajnuna tas-Surmast Francesco Azopardi tgħallem il-Fuga. Billi dan ta' l-aħħar kien *Maestro di Cappella* tal-Katidral, ta' sittax-il sena Nicolò kien diġà assistent organista tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

Missieru, kummerċjant u Segretarju tal-*Massa Frumentaria* qatt ma ried jarah fil-qasam mużikali, u biex ibiegħdu minn din il-linja għamel kulma seta' biex ideffsu fil-qasam tal-kummerċ. Ma' l-ewwel opportunità, Fortunato bagħat lil ibnu lejn Palermo madditta Kummerċjali G. B. Matei. Dan il-pass ma qatax qalb Nicolò għaliex fil-ħin ħieles kien imur għand issurmast Amendola fejn tħarreġ b'suċċess bl-opri ta' Leo u Durante. Minn hawn Nicolò vvjaġġa lejn Napli fejn filwaqt li ssokta jaħdem bħala skrivan ma' negozjant, sab ruħu f'idejn is-Surmast Nicola Sala li daħħlu fix-xenarju tal-mużika klassika. Aktar tard, taħt il-magħruf Pietro Guglielmini (1727-1804), Nicolò Isouard tħarreġ sew fil-mużika drammatika komika u buffa, li kienet tiġi ppreżentata biż-żfin u sbraċċjar.

Billi f'dak iż-żmien fil-gżejjer Maltin dawn l-esebizzjonijiet avangardisti mużikali kienu meqjusa bħala immorali u jmorru kontra s-sentimenti reliġjużi, il-ġenituri ta' Nicolò ħaduha bi kbira ħafna li binhom kien donnu se jaqa' f'dawk it-toroq ħżiena. Kien aktarx f'dik il-ħabta li Nicola Isouard-Xuereb bidel ismu għal Nicolò Isouard.

Fl-1794, Nicolò mar Firenze u fit-teatru La Pergola rnexxilu jagħti l-ewwel opra fi tliet atti, *L'Avviso ai Maritati*. Minkejja li din ħallietlu togħma morra, aktar tard fl-istess sena għamel suċċess biha f'Turin, Dresden, Madrid u Lisbona. Suċċess akbar wettqu bl-opra *Artaserse* ġewwa Livorno. Il-mużika u l-kompożizzjonijiet ta' Nicolò Isouard komplew jimirħu fl-aqwa bliet Ewropej tul l-ewwel għoxrin sena tas-seklu dsatax. Fost dawn insibu li bosta mill-opri tiegħu, li kienu madwar 43, ittellgħu b'suċċess f'Pariġi, Vjenna, Copenhagen, Berlin, Frankfurt, Petersburg, Stockholm, Munich u Moska, minbarra dawk il-ħafna li l-poplu Malti kellu ċ-ċans igawdi fit-teatru Manoel.[4]

Is-suċċessi li kiseb Nicolò komplew idarrsu lill-ġenituri tiegħu, tant li meta raw li waħidhom ma setgħu jagħmlu xejn, talbu lill-Gran Mastru Manwel de Rohan li kien Franċiż, sabiex jagħmel pressjoni min-naħa tiegħu. Fl-1796, Nicolò Isouard reġa' lura Malta u ġie maħtur bħala Organist u wara *Maestro di Cappella* tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann. B'hekk, il-ġenituri raw tama ġdida u ħassew il-kuxjenza tistrieħ meta sthajlu li waqqfu l-ħsara lil ruħu meta biegħduh mit-teatru. Fl-istess żmien il-Gran Mastru onorah bis-Salib tad-Deheb ta' San Donato. Dik il-ħabta, Isouard ipproduċa apertorju ġmielu mix-xogħlijiet tiegħu fit-teatru Manoel, fosthom *Rinaldo d'Asti*, *Barbiere di Siviglia*, *I Due Avari*, *L'Improvvisata in Campagna*, *Il Bottaio*, *Ginevra di Scozia u Il Barone di Santa Chiara*. Ivo Muscat-Azzopardi iżid jikteb li minbarra l-opri, Isouard kiteb: "*tmien 'Kantati' mmużikati fuq il-kliem tal-Granmastru De Rohan u 'Kantata' jisimha "Hebe" fuq it-test tal-Komm. Di Saint Priest, "Requiem in Mi Maggiore", ħames quddisiet, xi salmi għal ħames ilħna, motetti għal diversi ilħna u xi mużika sagra oħra.*"[5]

Lejn tmiem is-seklu tmintax seħħ taqlib kbir fl-Ewropa l-aktar mill-qawwa dominanti ta' Napuljun Bonaparte. Nhar id-9 ta' Ġunju 1798 il-Flotta Franċiża kienet fil-Port il-Kbir u ħadet f'idejha l-gżejjer Maltin. Dik il-ħabta, il-Ġeneral Vaubois ħatar lil Isouard *Impreżarju* tat-Teatru Manoel. Iżda l-imġiba u l-għemejjel tagħhom ma tantx ħallew togħma tajba fost il-poplu Malti li rvella kontra tagħhom. L-effett tat-tagħlim u l-esperjenza fi Franza reġgħu tkebbsu f'Nicolò, tant li nqafel magħhom wara s-swar tal-belt Valletta. Mingħajr ma nidħlu f'ħafna dettalji storiċi, tajjeb ngħidu li fl-1800 waslet il-flotta Ingliża li ġiet milqugħa bil-ferħ mill-Maltin, u Nicolò sab l-opportunità mill-ġdid li jitlaq mill-gżejjer.

M'aħniex ċerti meta Isouard telaq minn Malta, iżda dan żgur li seħħ bejn tmiem l-1799 u l-bidu ta' l-1800. Hemm min jgħid li Isouard telaq minn Malta jew fl-14 ta' Frar inkella flimkien ma' Vaubois għall-ħabta ta'



*Palaos Garner magħruf aħjar bħala t-Teatru Nazzjonali ta' l-opera ta' Pariġi.*

Settembru 1800. Jingħad ukoll li Vaubois kien ħa lil Isouard Pariġi bħala segetarju tiegħu.[6] Iżda l-ewwel data hija ferm aktar kredibbli għaliex sa dak iż-żmien kien diġà sar midħla sew ta' mużiċisti magħrufa li ħadem xi xogħlijiet magħhom fi Franza. Bosta jqisu li sa l-1811 Nicolò Isouard kien l-ewlieni ġewwa Franza. Fil-bidu tas-seklu dsatax, Isouard kiteb ħimel ta' kompożizzjonijiet kbar u ħakem ix-xena ta' Pariġi. Kien meqjus li aktar kien jgħix fit-teatru nkella d-dar u b'hekk sar it-tema ewlenija tal-kritiċi, librettisti u mużiċisti. Kien il-perijodu meta kompożituri kbar bħal Stefano Enrico Mehul (1763-1817), Luigi Cherubini (1760-1842), Berton u Roberto Kreutzer (1767-1831) bħal donnhom raqdu f'xitwa twila u kiesħa. Mill-pinna ta' Isouard, li f'libretti nsibu jġib l-isem *Nicolò de Malte*, harġu kapulavuri fosthom *Le Magicien Sans Magie, Le Billet de Loterie, Le Confidences, Michel Ange, Le Prince de Catane* u oħrajn. Iżda mal-miġja lura ta' Boieldieu mir-Russja, Isouard bħal donnu tilef il-monopolju. Nicolò kien diġà ta lid-dinja tat-teatru l-kapulavuri famużi tal-kwartett u t-terzett tal-*Jaconde*, it-terzett tas-*Cendrillon* u t-terzett u d-dwett tal-*Jeannot et Colin*. Fl-1817 sar il-konkors biex jittieħed il-post ta' Mehul bħala Membru ta' l-Istitut, fejn Isouard tilef id-dwell ma' Boieldieu. Wara dan id-diżappunt li żdied mal-fatt li Isouard ma kienx jaqbel mal-monarkija fi Franza għaliex baqa' Bonapartist, jidher li Nicolò Isouard tilef kont ta' ħajtu u beda jixrob bla rażan.

Nhar il-11 ta' Jannar 1812, Nicolò Isouard iżżewweġ lil Claudine ta' 26 sena, bint Paul Berthault u martu Reine Henry, u kellhom tliet bniet, Madelle, Ninette u Mad Sabire. Huwa interessanti li dawn it-tliet ibniet ġew ikkonsultati mill-Gvernatur ta' Malta Sir Harry Stokes meta ġie ordnat il-bust ta' Isouard li nħadem f'Pariġi għat-Teatru Rjal ta' Malta.[7] Huwa interessanti li Nicolò u Claudine kien ilhom ftit snin mhux ħażin jgħixu flimkien. Tant hu hekk li huma kienu għamlu kuntratt fejn iddikjaraw li kellhom bint bl-isem ta' Sophie Nicole imwielda nhar id-29 ta' Novembru 1809, u li din kellha tgawdi l-istess drittijiet daqs it-tfal leġittimi tagħhom.[8]

Fl-età żgħira ta' 44 sena, Nicolò Isouard miet f'Pariġi nhar it-23 ta' Marzu 1818. Fl-aħħar ġimgħatejn meta Isouard kien marid u spiss mitluf minn sensih u bil-għejja fis-sodda, Isouard ikkompona l-ewwel żewġ atti u parti mit-tielet att ta' l-aħħar opra tiegħu'*Aladin*. Sa dak iż-żmien il-fama tiegħu tant kienet kibret li nkiteb li t-Teatru Feydeau tilef kompożitur li mhux la kemm isib ieħor bħalu. Nhar is-26 ta' Marzu, għall-ħabta ta' l-10.30 ta' fil-għodu, folla kbira ta' atturi, kompożituri, mużiċisti u persuni distinti oħrajn inġemgħu quddiem id-dar tiegħu u mxew f'purċissjoni għan-*Notre Dame des Victoires*. Tul it-triq il-Gwardja Nazzjonali daqqet mużika funebri. Imbagħad tmexxiet quddiesa fuq kompożizzjoni ta' Jomelli taħt id-Direttur Plantade tal-*King's Musical Band*. Meta l-katavru ta' Nicolò Isouard twassal fiċ-



*Notre Dame des Victoires – il-knisja fejn sar il-funeral ta' Nicolò Isouard. (Taħt) Il-qabar ta' Nicolò Isouard fiċ-ċimiterju Pere Lachaise f'Pariġi.*



ċimiterju ta' Pere Lachaise, indifen biswit Mehul. Hemmhekk, il-ħabib intimu ta' Isouard, M. Etienne għamel diskors li jkun xieraq nirriproduċuh kollu biex nifhmu aħjar kif dawn il-barranin kienu jħarsu lejn dan il-kompożitur kbir:

> *"Gentlemen, it is with deep emotion I repair to this spot, to send the last homage to a man, whose successes, pleasures, and sufferings I have shared for the space of ten years.*
>
> *Associated to his labours, and indebted to his talents, I had learnt, during so intimate a connection, how to appreciate the qualities of his heart, and the resources of his mind. I was at once struck by that*

*brilliancy of imagination which distinguishes the man of genius, and the benignity of soul characteristic of an upright man.*

*I had hardly become his colleague, when I was already his friend. During our intimacy a day scarcely elapsed that I had not reason to congratulate myself on the acquisition of a friendship, I resolved to preserve. Alas! How could I foresee that its duration should be so short, and that when he two days since warmly offered me his enervated hand, that I should soon have to shed tears over his coffin. We amused ourselves with futile hopes, flattered ourselves with dreams of bliss, and the ruthless skeleton of death started up betwixt us when least expected.*

*O dear departed friend! Though we are thus separated for the moment, though the perishable ties are broken which the labours of our mind had formed, I shall as long as I am doomed to existence tenderly retain in my heart the recollection of your warm and constant amity. The expressions of my feelings are poor compared with the effusions which many are this day uttering to your memory: at this moment I am in the midst of men of learning, whose tears flows like mine, before relatives, friends, and associates whose silent sobs are the most unequivocal tokens of their grief.*

*He was less your colleague than your friend who is thus paying the last tribute to your memory: in offering an eulogium of your talents, I am but candid and grateful, but what can I add to the public regret and to the suffrages of your very rivals!*

*Receive this last adieu, and may you in another state enjoy that unmixed happiness unknown to this world! Friendship and the Arts, unconsolable, have accompanied you to this mournful depository, where many tears will still be shed over the tomb which contains the remains of the man of genius and integrity."*[9]

Meta wieħed iqis il-ħajja qasira ta' Nicolò Isouard malajr jintebaħ li kien bniedem ġenju u ddedikat għall-mużika. Tul medda ta' 24 sena huwa kkompona mhux inqas minn 43 opra, li tlieta biss ħadimhom b'kollaborazzjoni ma' ħaddieħor, jiġifieri Mehul, Kreutzer u Cherubini. Numru kbir minn dawn ix-




***Il-bust ta' Nicolò Isouard fit-Teatru Nazzjonali ta' l-opera f'Pariġi.***

xogħlijiet minbarra l-Ilsien Franċiż inqalbu f'lingwi oħrajn fosthom it-Taljan, Ġermaniż, Russu, Spanjol, Daniż, Olandiż u Svizzeru. Fil-fatt, il-lista sħiħa tax-xogħlijiet ta' Isouard ġiet miġbura fil-pubblikazzjoni ta' kull xahar *Musik Blatter* maħruġa mill-editur Herbert Graf.[10] Jidher li din il-pubblikazzjoni ħarġet fl-okkażjoni ta' April 1957 li fiha ttellgħet waħda mill-aqwa opri ta' Isouard, *Cendrillon*, taħt it-tmexxija tas-Surmast Carl Maria Artz li sa ftit qabel kien id-direttur tad-*Duke of Edinburgh Band Club* tal-Birgu. Is-*Cendrillon*, bħall-*Les Confidences, L'Intrigue aux Fenêtres* u *Le Rendez-vous Bourgeois* bħal ħafna oħrajn huma stmati li dehru fit-teatri ewlenin kollha ta' l-Ewropa.

Minbarra l-mużika li ma tmut qatt, dan il-bniedem kbir baqa magħruf billi sarulu busti fil-*Foyer* tat-Teatru Ventadour li wara li nħaraq fl-1874 sar it-Teatru ta' l-Opera f'Pariġi, l-Orpheum f'Malta, kif ukoll fil-Każin tal-Banda tal-Mosta bl-isem Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard. L-istorjografu E.B. Vella jgħid li din il-Banda daqqet għall-ewwel darba fil-konsagrazzjoni tar-Rotunda nhar il-15 ta' Ottubru 1871. L-għażla li din is-Soċjetà ngħatat l-isem ta' Nicolò Isouard seħħet wara li l-kumitat tal-Mosta ħa l-parir tal-Professur Napuljun Tagliaferro li għarrafhom li jkun xieraq li jingħata ġieħ b'dan il-mod lill-għaref kompożitur u mużiċist Malti - Nicolò Isouard.



***Il-bust ta' Nicolò Isouard – xogħol l-iskultur Mosti Ġanni Bonnici – li nsibu fil-każin imsemmi għalih fil-Mosta.***

F'Pariġi wkoll insibu t-triq *Rue Nicolò Isouard*, filwaqt li Triq Nicolò Isouard f'Tas-Sliema jingħad li aktarx issemmiet għal għelieqi propjetà tal-familja Isouard. Iżda fl-aħħar snin, fil-Mosta wkoll issemmiet Triq Nicolò Isouard. F'nofs is-snin tmenin, il-*Foyer* tat-Teatru Manoel li nfetaħ fl-1979 ingħata l-isem ta' Sala Nicolò Isouard fuq inizjattiva tas-sur Tony Cassar Darien. Din is-Sala li hija meqjusa bħala teatru

żgħir jittellgħu fiha attivitajiet kulturali b'mod regolari. It-tliet ritratti uniċi ta' Isouard li għandna f'pajjiżna jinsabu wkoll f'dan il-post. Jidher li kienet idea għaqlija ħafna meta fis-sensiela muniti li jikkommemoraw personalitajiet Maltin, f'Marzu 2003, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ it-tieni munita tal-fidda b'denominazzjoni ta' Lm5.00 bix-xbieha ta' Nicolò Isouard.

8 ta' April 2003

[1] Muscat-Azzopardi, Ivo *Bijografija tal-Mużiċista Nicolò Isouard* (1958) p. 11.
[2] Ibid., p. 45.
[3] Sammut, Frans *Ir-Rivoluzzjoni Franċiża* (1989), p. 106.
[4] *Times of Malta,* 29th May 1957, p.12.
[5] Muscat-Azzopardi (1958), p. 18.
[6] *Il ħabib,* 5 ta' Diċembru 1916, p. 1.
[7] *Il Portafoglio Maltese,* 27.01.1866, p.2.
[8] Muscat-Azzopardi (1958) p. 40.
[9] *Malta Government Gazette*, 6th May 1818, pp. 1374-1375.
[10] *Times of Malta*, 29th May 1957, p.12.




**Best Prices & Quality in the Market** for **Rustic Metal Rails.** Various selection available at our outlets or New Reef 9th April Str., Mosta **Tel: 21 410508**

**JOHN C. VELLA**

*Haberdashery • Sewing Machines*
*Needlecraft & Fashion Accessories*

**97, Constitution Street, Mosta MST 08, Malta**
**Phone: 21 433 863 • Fax: 21 432094**

**IMPORTERS • WHOLESALERS • RETAILERS**

• Sewing Machines •
• Sales • Rentals • Part-exchange • Repairs on all makes •
• Tapestry and Embroidery kits •
• Fabric & Canvas Stretching and Framing •
• Festoon • Triple • Corded Curtain Tracks •